**QORTI TAL-APPELL**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Ġunju, 2025.**

**Numru:12**

**Rikors Numru: 461/2020/1 AF**

**Easygas Malta Limited (C-45789)**

**v.**

**Liquigas Malta Limited (C-44954)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi Easygas Malta Limited (minn hawn 'il quddiem imsejħa Easygas) kontra d-digriet tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Jannar, 2025, fejn laqgħet it-talba tal-kumpanija konvenuta Liquigas Malta Limited (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala Liquigas) u ordnat is-soprasessjoni ta' din il-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-19 ta' Ġunju, 2020, il-kumpanija attriċi Easygas fissret li hija taħdem fil-qasam tal-bejgħ ta' gass *petroleum* likwefatt (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ GPL) f'Malta u hija mgħarrfa bħala provditur awtorizzat mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ Regolatur jew REWS) skont ir-**Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt**, hekk kif inhi rikonoxxuta wkoll il-kumpanija konvenuta Liquigas.

3. Tgħid li l-liġi prinċipali li tirregola l-operat tal-bejgħ tal-GPL f'Malta huma r-**Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt**, f'dak li għandu x'jaqsam ukoll mar-radd lura taċ-ċilindri tal-GPL mid-detentur lis-sid u dan fi żmien sebat ijiem kalendarji.

4. Jingħad li permezz tal-**Avviż Legali 134 tal-2016**, kif wara ġie emendat permezz tal-**Avviż Legali 235 tal-2016**, ġie emendat l-**Artikolu 5A (4) tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt**, billi ddaħħal il-provvediment li ġej:

> *«Iżda wkoll id-depożitu bħala garanzija għall-restituzzjoni ta' ċilindru li jista' jinġarr ta' kapaċità ta' tnax-il kilogramma mogħti lill-klijent aħħari, jew kull persuna oħra li taġixxi f'ismu,għandu fil-każijiet kollha jkun ta' ħmistax-il ewro (€15) u r-rifużjoni ta' dak id-depożitu għandha tkun ukoll ta' ħmistax-il ewro (€15) meta klijent aħħari, jew kull persuna oħra li taġixxi f'ismu,ma jkunx fil-pussess ta' riċevuta. Fil-każ li klijent aħħari jkun fil-pussess ta' riċevuta li tindika ammont ogħla minn ħmistax-il ewro (€15), allura dak il-klijent aħħari, jew kull persuna oħra li taġixxi f'ismu, għandhom jiġu rimborsati dak l-ammont*

*akbar. L-effetti ta'dan il-proviso għandhom japplikaw għal ċilindri li jistgħu jinġarru li jitreġġgħu lura għall-finijiet ta' restituzzjoni wara d-29 April 2016, irrispettivament mid-data, qabel jew wara dik id-data, meta ċ-ċilindru li jista' jinġarr kien ġie kkonsenjat lill-klijent aħħari.»*

5. Il-kumpanija attriċi tfisser li dan il-provvediment tal-liġi wassal għas-sitwazzjoni fejn iż-żewġ provdituri awtorizzati, jiġifieri Easygas u Liquigas, qegħdin jiġbru ċilindri proprjetà ta' xulxin mingħand il-konsumaturi, liema ċilindri mbagħad ikunu obbligati li jroddu lura lil sidhom. Dan qed iwassal għas-sitwazzjoni fejn iż-żewġ provdituri awtorizzati jkollhom jagħtu rifużjoni lill-konsumaturi l-ammont ta' €15, għal kull ċilindru vojt li l-istess konsumatur irodd lura, irrispettivament minn jekk dak iċ-ċilindru jkunx proprjetà ta' Easygas jew ta' Liquigas.

6. Il-kumpanija attriċi tissokta tgħid li l-provdituri awtorizzati kienu addottaw sistema fejn ipartu ċ-ċilindri bejniethom, fejn ta' kull ġimgħa huma kienu jirritornaw iċ-ċilindri ta' xulxin, b'dan illi l-provditur awtorizzat li jingħata lura aktar ċilindri proprjetà tiegħu, jħallas l-ammont provdut fil-liġi għad-differenza fin-numru ta' ċilindri.

7. Il-kumpanija attriċi tkompli tfisser kif din is-sistema kienet qiegħda titħaddem bejn iż-żewġ provdituri għal snin twal mingħajr ebda problema, sakemm il-liġi kienet tipprovdi rifużjoni mis-sid lid-detentur ta' €5 għal kull ċilindru li jintradd lura. Iżda hekk kif il-liġi tas-sena 2016 ġiet emendata fis-sens li r-rifużjoni ġiet riveduta minn €5 għal €15, filwaqt li hija qagħdet ma' dak

li tipprovdi l-liġi, il-kumpanija konvenuta ressqet proċeduri kontra r-Regolatur sabiex tattakka l-validità tal-**Avviż Legali 235 tal-2016**, peress li fil-fehma ta' Liquigas, dan jikser il-**Kostituzzjoni** u/jew jikkostitwixxi għemil amministrattiv li huwa *ultra vires*[1].

8. Jingħad minn Easygas li filwaqt li l-kumpanija konvenuta kellha kull jedd li tikkontesta dik il-liġi, tisħaq li fil-mori ta' dawk il-proċeduri, il-liġi tibqa' viġenti sakemm ma jkunx hemm xi ordni tal-Qorti li tissospendi l-effetti tal-imsemmi avviż legali. Dan ingħad peress li mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi avviż legali, sal-ġurnata tal-lum, Liquigas baqgħet ma qagħditx għal dak li tipprovdi l-liġi, peress li fil-fehma tagħha l-liġi qiegħda *sub iudice.*

9. Wara l-intervent tal-Ministru tal-Enerġija ta' dak iż-żmien, kien intlaħaq kompromess temporanju bejn il-partijiet, fis-sens li t-tpartit ta' ċilindri kellu jibqa' jsir bil-prezz ta' €5. Dan sakemm jiġu fi tmiem il-proċeduri legali li bihom Liquigas kienet qiegħda tikkontesta l-liġi u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Easygas għall-ħlas tal-bilanċ ta' €10 fuq kull ċilindru li hija raddet lura jew kienet ser trodd lura lil Liquigas. Madankollu, il-kumpanija Liquigas għarrfitha permezz ta' ittra tat-3 ta' Marzu, 2020, li hija ma kinitx ser tibqa' tagħti l-ebda ammont lura meta Easygas troddilha lura ċilindri żejda.

[1] Dawn il-proċeduri li jġibu referenza 1158/2016/1, jinsabu differiti għas-sentenza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

10. Il-kumpanija attriċi ssostni li mid-dħul fis-seħħ tal-liġi sakemm ġie ppreżentat ir-rikors maħluf, hija raddet lura 'l fuq minn 47,000 ċilindru lil Liquigas u fuq ħafna minnhom ingħatat biss €5 minflok €15, filwaqt li minn wara Marzu 2020, ma ngħatat xejn. Skont il-kumpanija Easygas, dan wassal sabiex sal-ġurnata li ppreżentat ir-rikors maħluf, Liquigas hija debitriċi ta' Easygas għas-somma ta' aktar minn €560,000, liema somma ser tibqa' tikber hekk kif ikompli jsir it-tpartit taċ-ċilindri.

11. Minkejja li l-kumpanija konvenuta ġiet interpellata diversi drabi, dan kollu kien ta' xejn. Għalhekk Easygas ressqet din il-kawża li fiha talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-aġir tas-soċjetà intimata jikkostitwixxi ksur tal-obbligi tagħha bħala provditur awtorizzat ai termini tal-Artikolu 5A(4) tal-Liġi Sussidjarja 545.20;*
>
> *2. Tiddikjara illi Liquigas hija responsabbli għall-ħlas ta' €15 fuq kull ċilindru hekk ritornat lilha mingħand is-soċjetà attriċi mid-dħul tal-Avviż Legali 235 tas-sena 2016 sad-data tas-sentenza;*
>
> *3. Tillikwida, okkorrendo permezz tal-ħatra ta' periti nominandi, il-bilanċ dovut minn Liquigas lil Easygas ai termini tal-Art. 5A(4) tal- Liġi Sussidjarja 545.20;*
>
> *4. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas l-ammont hekk likwidat dovut lis-soċjetà rikorrenti ai termini tal-Art. 5A(4) tal- Liġi Sussidjarja 545.20;*
>
> *5. Tiddikjara li b'konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà intimata, kif hawn fuq spjegat, l-istess kumpanija rikorrenti sofriet u għadha qed issofri danni;*
>
> *6. Tiddikjara li s-soċjetà rikorrenti hija responsabbli għall-ħlas ta' dawn id-danni;*
>
> *7. Tillikwida d-danni hekk sofferti mis-soċjetà rikorrenti, okorrendo permezz ta' periti nominandi;*

*8. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti d-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk marbuta mal-protesti ġudizzjarji Ref Nru 116/2019 u Ref Nru 100/2020, datati t-tnax (12) ta' Marzu, 2019 u s-sebgħa (7) ta' Mejju, 2020 rispettivament, kif ukoll dawk marbuta mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi li qiegħed jiġi preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf, u bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess soċjetà intimata, li qiegħda minn issa tiġi inġunta in subizzjoni.»*

12. Il-kumpanija konvenuta Liquigas ressqet l-eċċezzjonijiet tagħha permezz tar-risposta ġuramentata tat-30 ta' Lulju, 2020, li fiha ressqet l-eċċezzjonijiet: (i) li l-kumpanija Easygas m'għandhiex *locus standi* li titlob ir-rifużjoni tad-depożitu, peress li huma l-konsumaturi li huma intitolati għal tali rifużjoni u lanqas tista' titqies li qiegħda taġixxi f'isem il-klijent aħħari; (ii) li r-**Regolament 5A** li fuqu ssejjes il-pretensjonijiet tagħha l-Easygas ma jaħsibx għat-tpartit ta' ċilindri u wisq inqas xi ħlas ibbażat fuq l-iskambju ta' ċilindri. Liquigas m'għandha tagħti xejn lil Easygas iżda hemm lok għar-rifużjoni ta' flus li Liquigas ħallset (€5 għal kull ċilindru) lil Easygas; (iii) li jeħtieġ li ssir il-prova li Easygas fil-fatt ġabret dawk iċ-ċilindri indikati minnha fil-prospett qabel id-29 ta' April, 2016, (iv) li billi Easygas ma kinitx qiegħda trodd lura ċ-ċilindri kif tipprovdi l-liġi, iżda kienet qiegħda żżomm ħażna ta' ċilindri ta' Liquigas b'mod illegali, mela allura issa ma tistax tippretendi ħlas aktar għoli għal ċilindri li hija kienet qiegħda żżomm kontra l-liġi; (v) li f'kull każ, l-effett retroattiv tal-**Avviż Legali 235 tal-2016**, żgur li ma setax japplika għal ċilindri ta' qabel il-31 ta' Lulju, 2015, id-data meta ġie fis-seħħ l-**Att dwar ir-Regolatur**

**għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma**[2] u dan skont dak li jipprovdi l-**Artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni**[3]; (vi) li l-ammont mitlub lanqas ma huwa tajjeb, hekk kif Easygas għamlet il-kalkoli tagħha fuq l-ammont ta' €15 għal kull ċilindru, meta dan l-ammont huwa marbut ma' ċilindru ta' 12-il kilogramma, iżda mhux ma' ċilindri ta' 15 u 25 kilogramma; (vii) li r-**Regolament 5(4)** kif emendat fl-2016 fejn iż-żieda fl-ammont mogħti meta jintradd lura ċilindru b'volum ta' 12kg minn €5 għal €15 u fejn din iż-żieda ngħatat effett retroattiv għal kull ċilindru li jintradd lura wara d-29 ta' April, 2016 jikser id-drittijiet ta' Liquigas ibbażati fuq l-aspettativa leġittima tagħha u huwa għemil amministrattiv li huwa null, invalidu u mingħajr effett skont l-**Artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Eċċepiet li dawn huma liġijiet sussidjarji llegali, *ultra vires,* irraġonevoli u lanqas jistgħu jitqiesu proporzjonali u saru bi ksur tad-drittijiet fundamentlai ta' Liquigas għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha bi ksur tal-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali**; u (viii) li fid-dawl ta' din l-aħħar eċċezzjoni, Liquigas ressqet proċeduri[4] sabiex l-**Avviż Legali 235 tas-sena 2016** jiġi dikjarat null, invalidu u mingħajr effett u peress li dik il-kawża ser ikollha impatt fuq il-mertu tal-azzjoni taħt eżami, hemm lok għas-soprasessjoni ta' din il-kawża, sakemm tiġi deċiża dik il-kawża.

---

[2] **Kapitolu 545 tal-Liġijiet ta' Malta.**
[3] **Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta.**
[4] Rikors Numru 1158/2016/1 fl-ismijiet ***Liquigas Malta Limited v. Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija***.

13. Wara li l-partijiet fil-kawża ressqu l-provi tagħhom, meta l-kawża baqgħet differita għas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet u għall-finali trattazzjoni, il-kumpanija Liquigas ressqet rikors fl-4 ta' Diċembru, 2024, fejn talbet lill-Ewwel Qorti tissoprasjedi f'din il-kawża sakemm tiġi deċiża l-kawża 1158/2016/1, li qiegħda tinstema' minn ġudikant differenti. Wara li Easygas ġiet notifikata bir-rikors ta' Liquigas, hija ressqet it-tweġiba tagħha fejn fissret il-għala fil-fehma tagħha t-talba ta' Liquigas ma kelhiex tintlaqa'.

14. Wara li rat ir-rikors ta' Liquigas u t-tweġiba ta' Easygas, l-Ewwel Qorti permezz tad-digriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2025, iddeċidiet hekk:

> «*Qieset illi l-kawża 1158/2016 ser tiddetermina l-validità o meno tal-provvediment legali li fuqu tinsab imsejsa* <u>*din*</u> *il-kawża u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li jkun għaqli li tissoprassjedi pendent l-eżitu ta' din il-kawża.*»

15. Il-kumpanija attriċi ressqet rikors ta' appell minn dan id-digriet tal-Ewwel Qorti li bih talbet lil din il-Qorti sabiex:

> «1. *Tħassar u tirrevoka d-digriet mogħti in camera mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Jannar, 2025 fil-kawża odjerna;*
>
> *2. Tordna t-tkomplija tal-kawża odjerna fl-istadju li kienet waslet qabel ingħata d-digriet appellat.*»

16. Il-kumpanija konvenuta Liquigas wieġbet għal dan l-appell fejn fissret ir-raġunijiet għala fil-fehma tagħha din il-Qorti għandha tiċħad l-appell ta' Easygas, u tikkonferma d-digriet appellat tat-13 ta' Jannar, 2025, bl-ispejjeż kontra l-kumpanija appellanti Easygas.

17. Wara li din il-Qorti ħadet qies tal-atti kollha tal-kawża, qieset meħtieġ li tisma' s-sottomissjonijiet tal-partijiet u għalhekk appuntat l-appell għas-smigħ għall-Ħamis 8 ta' Mejju, 2025, fejn id-difensuri tal-partijiet dehru quddiem din il-Qorti u għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom. Minn hemmhekk l-appell ġie differit biex tingħata din id-deċiżjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

18. L-appell tal-kumpanija attriċi huwa msejjes fuq ħames aggravji ewlenin: (i) li ż-żewġ kawżi huma totalment differenti, distinti u indipendenti minn xulxin; (ii) li d-digriet appellat huwa ta' preġudizzju kbir għaliha u mhuwiex fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja; (ii) li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx l-effett *inter partes* tal-kawża 1158/2016/1; (iv) li **r-Regolament 5A(4) tar-Regolamenti dwar is-suq tal-Gass Petroleum Likwefatt** huwa fis-seħħ u għalhekk enforzabbli; u (v) li dan ir-regolament kien interpretat u enforzat ukoll mill-Qrati tagħna.

19. Fl-**ewwel aggravju tagħha** l-kumpanija attriċi tilmenta li hija konvinta li ma hemm xejn fattwalment jew legalment li kien jistħoqqlu jew jiġġustifika l-waqfien tal-kors tal-kawża bejn Easygas u Liquigas minħabba li fil-preżent hemm pendenti proċeduri bejn Liquigas u r-Regolatur (REWS). Tgħid li meta jinxtarru t-talbiet ta' Easygas f'din il-kawża u t-talbiet ta' Liquigas fil-kawża 1158/2016/1, kif jirriżulta mit-talbiet fir-rikors maħluf taż-żewġ kawżi, tirriżulta

distinzjoni netta bejn in-natura tal-kawża odjerna u dik tal-kawża 1158/2016/1. Filwaqt li l-appellanti tagħmel referenza għal xi siltiet mill-ġurisprudenza dwar is-soprasessjoni, tisħaq li ma jistax jitqies li ż-żewġ kawżi huma simili fis-sens li permezz tal-kawża taħt eżami, Easygas qiegħda ssejjes it-talbiet tagħha fuq ksur tar-**Regolament 5A(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja inkwistjoni** min-naħa ta' Liquigas, inkluż l-ammont dovut skont l-istess regolament u d-danni. Fuq ix-xaqliba l-oħra, permezz tal-kawża li Liquigas ressqet kontra r-Regolatur (REWS) hija qiegħda tikkontesta l-validità tal-**Avviż Legali 235 tal-2016** skont regoli tad-dritt amministrattiv, b'talba konsegwenti għad-danni.

20. Barra minn hekk, jingħad mill-appellanti Easygas illi ma jirriżultax li hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt partikolari fil-kawża 1158/2016/1 li minnu tiddependi tabilfors il-kawża taħt eżami. Wara kollox, il-fatt li Liquigas qiegħda titlob id-danni fil-kawża 1158/2016/1 mingħand ir-Regolatur (REWS) għandu jkun ta' serħan tal-moħħ għal din il-Qorti sabiex tordna t-tkomplija tal-kawża. Dan jingħad peress li f'każ li l-emenda fir-regolament kontestat minn Liquigas tiġi dikjarata *ultra vires* mill-Qorti, id-danni li jingħad li Liquigas ġarrbet, inkluż dawk li tista' tiġi kkundannata tħallas f'din il-kawża jaqgħu taħt it-talba għad-danni li Liquigas għamlet kontra r-REWS fil-kawża 1158/2016/1. Għalhekk tisħaq li ma hemm xejn li jżomm lill-Ewwel Qorti f'din il-kawża milli tordna lil Liquigas tħallas l-ammonti dovuti minnha lil Easygas skont ir-regolament.

21. Fit-**<u>tieni aggravju tagħha</u>** l-kumpanija appellanti Easygas, tgħid li d-digriet appellat huwa ta' preġudizzju kbir għaliha u mhuwiex fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. Hija ssostni li ta' kull ġimgħa hija tiġbor numru ta' ċilindri ta' Liquigas u troddhom lura lil Liquigas, mingħajr ma tirċievi l-ħlas dovut lilha skont l-imsemmi **Regolament 5A (4)**. Peress li din is-sitwazzjoni ilha għaddejja għal numru ta' snin, ma' kull ġimgħa li tgħaddi, iktar ma' Easygas trodd lura ċilindri lil Liquigas, qiegħed jikber id-dannu finanzjarju li qiegħda ġġarrab, minħabba n-nuqqas ta' Liquigas li toqgħod għall-obbligi legali tagħha. Kemm hu hekk tirreferi għall-prospett ippreżentat mill-awditur ta' Easygas, Oscar Delia, fl-atti tal-kawża. Targumenta li l-fatt li Liquigas qagħdet tistenna erba' snin sabiex titlob is-soprasessjoni ta' din il-kawża, meta l-kawża ta' Liquigas kontra REWS ilha għadejja tmien snin u għadhom quddiem il-Qorti tal-prim'istanza, kompliet taggrava l-preġudizzju mġarrab minn Easygas. Għalhekk l-appellanti tisħaq li s-soprasessjoni tal-proċeduri taħt eżami ma tistax titqies bħala meħtieġa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, kif tgħallem il-ġurisprudenza.

22. Dan iwassal għat-**<u>tielet aggravju</u>** tal-kumpanija attriċi appellanti, dak li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx l-effett *inter partes* tal-kawża 1158/2016/1. Fil-fehma tal-appellanti, l-Ewwel Qorti għamlet konnessjoni żbaljata bejn iż-żewġ proċeduri hekk kif il-kawża 1158/2016/1, ser ikollha effett bejn dawk il-partijiet fil-kawża u mhux *erga omnes*. Filwaqt li l-appellanti Easygas issejjes dan l-aggravju tagħha fuq l-**Artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili**, li fih jingħad li sentenzi m'għandhomx seħħ fuq partijiet li mhumiex fil-kawża, tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li hija mhix parti fil-proċeduri 1158/2016/1. Għalhekk l-appellanti ssostni li anke jekk għall-grazzja tal-argument, Liquigas tingħata raġun fil-proċeduri l-oħra, dawn m'għandhom l-ebda effett fuq il-pożizzjoni ġuridika u d-drittijiet legali ta' Easygas jew fuq l-eżitu tal-kawża taħt eżami. Barra minn hekk, l-appellanti tisħaq li f'każ li l-Qorti tagħti raġun lil-Liquigas fil-kawża li hija għamlet fil-konfront tar-Regolatur, dan ma jfissirx li r-**Regolament 5A(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.20**, jitħassar b'mod awtomatiku, iżda jeħtieġ li jittieħed qies tal-provvediment tal-**Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

23. Fir-**<u>raba' aggravju tagħha</u>**, il-kumpanija appellanti ssostni li r-**Regolament 5A(4) tal-L.S. 545.20**, kif emendat bl-**Avviżi Legali 134 u 235 tal-2016**, bħala l-liġi applikabbli, huwa fis-seħħ u għalhekk enforzabbli. Tilmenta li huwa minn ewl id-dinja li l-fatt li jeżistu proċeduri ġudizzjarji li fihom tkun qiegħda tiġi mistħarrġa l-validità ta' xi provvediment legali jnaqqas l-enforzabbiltà tal-istess provvediment legali sakemm ikun hemm għaddejjin l-istess proċeduri ġudizzjarji. Lil hemm minn dak li għad ikun l-eżitu tal-kawża 1158/2016/1, dan bl-ebda mod ma jxejjen id-drittijiet ta' Easygas skont ir-**Regolament 5A(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja.**

24. Issir referenza mill-kumpanija appellanti għall-provvediment inekwivoku tal-**Artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni**[5] sabiex issaħħaħ l-argument tagħha. Tislet ukoll siltiet mix-xhieda ta' Paul Agius Delicata in rappreżentanza tal-kumpanija Liquigas, li kkonferma li l-imsemmija regolamenti għadhom fis-seħħ u li l-aġir tagħhom li ma jħallsux huwa konsegwenti għall-fatt li qiegħda tiġi kkontestata r-retroattività tal-istess regolament bil-mezzi legali.

25. Fil-**<u>ħames aggravju</u>** tal-kumpanija Easygas jingħad li fattur ieħor li jikkonferma l-enforzabbiltà tar-**Regolament 5A(4) tal-L.S. 545.20**, huwa l-fatt li l-Qrati kellhom iċ-ċans li jinterpretaw u jinforzaw dan il-provvediment legali u ssir referenza għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Lulju, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Aaron Camilleri v. Easygas Malta Limited***, fejn proprju ngħata effett għal dan ir-regolament u ntlaqgħet it-talba għall-ħlas ta' €15 għal kull ċilindru li ntradd lil Easygas, u dan sakemm kienet għaddejja l-kawża 1158/2016/1. L-appellanti ssostni li f'dan il-każ ukoll m'għandux ikun hemm eżitazzjoni li jitħaddem ir-regolament taħt eżami, minkejja li hemm għaddejjin il-proċeduri 1158/2016/1 quddiem qorti oħra.

26. Fl-aħħar tal-appell ta' Easygas issir il-konsiderazzjoni li d-digriet li ordna s-soprasessjoni tal-kawża huwa wieħed li jordna l-waqfien tal-proċediment, skont l-**Artikolu 229(2)(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u li għalih ma kien meħtieġ l-ebda permesss tal-Ewwel Qorti li tat id-digriet

[5] **Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta**.

sabiex jitressaq l-appell taħt eżami (kif meħtieġ fil-każ tal-**Artikolu 229(3)**). Kif ukoll, peress li d-digriet appellat ingħata kameralment u ma nqarax fil-miftuħ f'jum debitament notifikat lill-partijiet, it-terminu ta' sitt ijiem sabiex jitressaq l-appell ma telaqx kif maħsub fl-**Artikolu 229(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

27. Il-kumpanija appellata Liquigas twieġeb għall-aggravji mressqa minn Easygas bil-mod li ġej. Fil-każ tal-**<u>ewwel aggravju</u>** jingħad minn Liquigas li għalkemm mit-talbiet tagħha fil-kawża 1158/2016/1 jirriżulta li hija qiegħda tattakka l-**Avviż Legali 235 tal-2016** li emenda r-**Regolament 5A(4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 545.20**, sabiex dan jiġi ddikjarat null, invalidu u/jew mingħajr effett fil-liġi, il-kawża taħt eżami hija mressqa sabiex jiġi ddikjarat li Liquigas qiegħda tikser l-istess **Regolament 5A(4) tal-L.S. 545.20**, hekk kif emendat. Issostni li jekk wieħed jara l-premessi u l-kawżali fir-rikors maħluf tal-kawża taħt eżami, wieħed jintebaħ li ssir referenza għall-kawża 1158/2016/1 u l-istess kumpanija appellata ressqet numru ta' eċċezzjonijiet li huma marbuta sew mal-mertu ta' dik il-kawża. Wara kollox, jingħad mill-appellata li l-kawżi jiġu determinati mhux biss fuq it-talbiet attriċi, iżda wkoll fuq l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

28. L-appellata tidħol fil-mertu tal-każ fejn jingħad minnha għala fil-fehma tagħha l-kumpanija Easygas m'għandhiex raġun fil-pretensjonijiet tagħha, fis-sens li Easygas ma ressqitx prova ta' meta ġabret iċ-ċilindri mingħand il-

konsumatur (jew jekk dawn kienux maħżuna għandha minn qabel ma daħal l-**Avviż Legali tal-2016**) u lanqas li effettivament raddet lura xi depożitu lill-konsumatur. Għalhekk, f'każ li jintlaqa' l-każ li Liquigas għandha fil-konfront tar-Regolatur, li l-**Avviż Legali 235 tal-2016** ma jingħatax effett retroattiv, ma tkunx tista' tintlaqa' t-talba ta' Easygas f'din il-kawża għal dawk iċ-ċilindri li kienu ilhom għandha sa minn qabel l-2016.

29. Jingħad mill-appellata li prova oħra ta' kemm iż-żewġ kawżi huma konnessi huwa l-fatt li l-kumpanija attriċi appellanti kienet talbet li jerġgħu jinfetħu l-provi sabiex jitressqu f'din il-kawża affidavits u xhieda li Liquigas kienet ressqet fil-kawża 1158/2016/1 u fl-istess rikors ingħad minn Easygas li l-**Avviżi Legali 134 u 235 tal-2016** huma punt ċentrali fil-proċeduri taħt eżami, ladarba din il-kawża tistrieħ fuq l-imsemmija żewġ avviżi legali. Lanqas jista' jingħad li ladarba Liquigas talbet id-danni fil-kawża 1158/2016/1, se tkun tista' tiġbor lura ammonti li tiġi obbligata tħallas lil Easygas, f'każ ta' eżitu pożittiv għall-appellanti f'din il-kawża, hekk kif il-provi fil-kawża l-oħra jinsabu magħluqa u sal-lum ma hemmx ammont dovut lil Easygas li seta' jintalab fil-kawża l-oħra. Dan l-argument, fil-fehma tal-appellata jkompli jsaħħaħ il-prova tal-konnessjoni bejn iż-żewġ kawżi. L-appellata tinsisti li l-ebda ammont ma huwa dovut lil Easygas.

30. Fir-rigward tat-**<u>tieni aggravju,</u>** l-kumpanija appellata twieġeb li lil hemm mill-fatt li hija ssostni li Easygas m'għandha tirċievi l-ebda ħlas, għaċ-ċilindri li

trodd lura lil Liquigas skont il-liġi, f'kull każ ma jistax jingħad li Easygas ser issofri xi preġudizzju minħabba d-dewmien. Filwaqt li l-appellata tisħaq li l-kawża 1158/2016/1, waslet fl-aħħar stadju[6] u li b'dan l-appell il-kawża taħt eżami hija effettivament sospiża, x'aktarx illi l-kawża l-oħra ser tiġi deċiża qabel din.

31. Barra minn hekk, l-appellata ssostni li bil-fatt li ntalbet is-soprasessjoni fl-aħħar stadju tal-kawża, għandu jirriżulta li ntilef inqas ħin, hekk kif inġabru l-provi u kull ma jonqos huwa li jsiru s-sottomissjonijiet u li tingħata s-sentenza. Wara kollox, jingħad li l-appellata kienet ressqet eċċezzjoni għas-soprasessjoni u ma nsistitx fuqha mal-ewwel, proprju sabiex ma jingħadx li kien qiegħed jinħela l-ħin. Iżda tisħaq li l-kawża l-oħra jeħtieġ li tiġi konkluża qabel din.

32. Fil-każ tat-**<u>tielet aggravju</u>** tal-appellanti, li l-effett tal-kawża 1158/2016/1 huwa wieħed *inter partes,* filwaqt li l-appellata taqbel mal-prinċipju ġenerali, ssostni li l-għan tal-kawża 1158/2016/1 huwa t-tħassir ta' provvediment legali, għalhekk tisħaq li ma jistax ikollha sempliċi effett bejn il-partijiet fil-kawża, iżda jkollha effett *erga omnes.* Jingħad mill-appellata li mod ieħor iwassal għas-sitwazzjoni assurda fejn ir-Regolatur u l-Ministru ma jkunux jistgħu jitolbu rifużjoni ta' €15 għal ċilindri li ilhom għandhom sa minn qabel is-sena 2016. Dan jingħad peress li meta jitħassar provvediment tal-liġi, l-effett ikun li dak il-

---

[6] Minn verifika fuq is-sistema tal-Qorti rriżulta li din hija issa differita għas-sentenza għat-23 ta' Settembru, 2025.

provvediment ikun qisu qatt ma eżista u ma jistax jitqies li japplika għal xi persuni u mhux għal oħrajn.

33. L-appellata ssostni li ma kienx hemm bżonn talba separata sabiex l-**Avviż Legali 235 tal-2016** jiġi revokat u mħassar fil-kawża 1158/2016/1. Huwa biżżejjed li dan l-Avviż jiġi dikjarat null u invalidu, kif mitlub sabiex ikun hemm it-tħassir awtomatiku. L-**Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jirreferi għal sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ikun meħtieġ li konsegwenza tagħha, tiġi annullata/mibdula xi liġi mill-Parlament u mhux bħall-każ taħt eżami, li jittratta kawża tad-dritt amministrattiv dwar liġi sussidjarja magħmula minn Ministru li huwa parti fil-kawża.

34. L-appellata tagħmel referenza għall-**Artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma** li jagħti is-setgħa lill-Ministru li jagħmel, jemenda, jissostitwixxi jew iħassar ir-regolamenti li allura ma teħtieġx li tiġi segwita l-proċedura imsemmija fl-**Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Tissokta tgħid li ġaladarba l-leġislatur għażel li dan il-provvediment tal-liġi ma jsemmix dispożizzjoni li tinsab li tkun *ultra vires* f**l-Artikolu 242(2),** hija prova li ma ngħatatx dik is-setgħa lill-Prim Ministru taħt **l-Artikolu 242(2)** f'każ ta' sentenzi li jsibu provvediment tal-liġi null minħabba li jitqies *ultra vires* u għalhekk l-ebda azzjoni ma tkun meħtieġa mill-Prim Ministru. Għalhekk jingħad li m'għandux ikun li tintlaqa' t-talba tal-

appellanti, li sakemm tingħata deċiżjoni li tista' tiddikjara provvediment tal-liġi bħala null u bla effett, jingħata effett lil dak il-provvediment f'din il-kawża b'dannu aktarx irriversibbli għal min ikun qiegħed jilmenta minn dak il-provvediment.

35. Fir-rigward tar-**raba' aggravju**, jingħad mill-appellata Liquigas li filwaqt li huwa minnu li r-**Regolament 5A(4) tal-L.S. 545.20** illum għadu fis-seħħ, u huwa enforzabbli, madankollu ladarba hemm il-possibbiltà li l-liġi li fuqha tistrieħ kawża, kemm bħala talbiet, kif ukoll bħala eċċezzjonijiet, ser tiġi mibdula fil-futur qarib, ikun żgur aktar għaqli għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja li l-kawża tiġi sospiża. Dan jingħad peress li jekk il-kawża ser tiġi deċiża fuq regolament li llum huwa fis-seħħ, iżda għada pitgħada jista' jiġi dikjarat null u bla effett, apparti l-inġustizzja u l-inċertezza maħluqa, dan ser iwassal ukoll għal kawżi oħra multipli biex tiġi annullata din il-kawża u l-effett li ġġib magħha, għad-dannu wkoll tal-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju.

36. Filwaqt li l-appellata tisħaq fuq in-natura straordinarja tas-soprasessjoni, li l-Qorti għandha tirrikorri għalih f'każ li tinqala' kwistjoni li tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-eżitu tal-kawża u li tkun indikata fejn ikun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi neċessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawża li tiġi soprasseduta, dan it-tip ta' provvediment huwa mħolli għad-diskrezzjoni tal-ġudikant, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Jingħad li r-referenza

għax-xhieda ta' Paul Agius Delicata hija selettiva u tagħti impressjoni inġusta fil-kuntest ta' dak kollu li ngħad minn dan ix-xhud. Fil-fehma tal-appellata, lanqas titqies relevanti r-referenza li tagħmel l-appellanti għall-provvedimenti tal-**Att dwar l-Interpretazzjoni**, peress li l-**Avviż Legali 235 tal-2016** mhuwiex qiegħed iħassar l-ebda liġi, iżda jagħti effett akbar (retroattiv) lil liġi eżistenti, li dan jirriżulta effettivament bi ksur ta' provvediment ieħor tal-istess **Att dwar l-Interpretazzjoni**, jiġifieri **l-Artikolu 9** li jillimita r-retroattività ta' kwalsiasi provvediment.

37. Fil-każ tal-**<u>ħames aggravju</u>**, l-appellata Liquigas tittanta tixħet dell fuq l-iskop wara l-kawża li saret referenza għaliha, bħal donnha saret sabiex l-appellanti tkun tista' ssostni l-argumenti tagħha f'din il-kawża, li fiha ma tqajmux il-kontestazzjonjiet li tqajmu f'din il-kawża, iżda ġiet deċiża fuq il-provi mressqa mill-attur f'dik il-kawża. Jingħad li l-kumpanija Easygas, konvenuta f'dik il-kawża ma kkontestatx it-talbiet marbuta mal-ħlas ta' rifużjoni tal-€15, tant li l-Qorti fis-sentenza qalet li kien xi ftit neboluż għala l-kumpanija konvenuta ma ħalsitx lill-attur l-ammont li kien xi ftit jew wisq ammess minnha. Dan minbarra l-fatt li dik il-Qorti donnha ma kienitx taf bil-proċeduri pendenti li kienu qegħdin jattakkaw l-**Avviż Legali 235 tal-2016**. F'kull każ, lil hemm mill-fatt li ċ-ċirkostanzi tal-każ huma differenti minn dawk tal-każ taħt eżami, hawn għandu japplika l-provvediment tal-**Artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li dik is-sentenza bl-ebda mod ma tista' tkun ta' ħsara jew torbot lil Liquigas, ladarba ma kinitx parti fiha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

38. Jibda billi jingħad li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-konsiderazzjoni magħmula mill-appellanti Easygas li l-appell tagħha sar skont l-**Artikolu 229(2)(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u li għalih ma kien meħtieġ l-ebda permess tal-Ewwel Qorti li tat id-digriet sabiex jitressaq l-appell taħt eżami, ġaladarba d-digriet tal-Ewwel Qorti li ordna s-soprasessjoni tal-kawża huwa wieħed li jordna l-waqfien tal-proċediment.

39. Tabilħaqq kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Grech v. Spiridione Bondin et***, is-soprasessjoni fin-natura tagħha hija eċċezzjoni illi tagħti lok lill-Qorti biex tieqaf, temporanjament, milli tkompli tisma' kawża. Dan ġie kkonfermat f'numru ta' sentenzi oħra li hemm issir referenza għalihom. Għalhekk, jidher ċar illi d-digriet ta' soprasessjoni jaqa' fil-parametri ta' **Artikolu 229 (2)(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, bil-konsegwenza li ma hemm l-ebda dubju li l-proċedura kif segwita mill-kumpanija attriċi appellanti sabiex tippreżenta l-appell tagħha saret sewwa u skont il-liġi.

40. Hekk ukoll, peress li d-digriet appellat ingħata kameralment u ma nqarax fil-miftuħ f'jum li ġie notifikat lill-partijiet, lanqas hemm kontestazzjoni li

l-appell ġie ppreżentat fi żmien utli kif maħsub fl-**Artikolu 229(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

41. Magħmula dawn il-punti ngħaddu għall-mertu tal-aggravji tal-kumpanija appellanti Easygas li għalkemm huma ħamsa, fil-verità, uħud minnhom jorbtu ma' xulxin u jirkbu fuq xulxin. Għalhekk din il-Qorti ser tibda billi tqis f'daqqa l-ewwel, it-tielet u r-raba' aggravji tal-kumpanija appellanti.

42. Sa fejn fl-**ewwel aggravju** tagħha l-appellanti tistieden lil din il-Qorti tqis it-talbiet magħmula f'din il-kawża u t-talbiet magħmula fil-kawża 1158/2016/1 bħala separati u distinti, tajjeb li fl-ewwel lok jinstiltu numru ta' prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza dwar it-tema ta' soprasessjoni. Hekk insibu li ngħad mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Mejju, 2016, fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc v. Saviour Borg***:

> *«In tema legali ssir referenza għas-sentenza preliminari PA **Doris Catania u żewġha Charles ghal kull interess li jista' jkollu v. Evelyn Farrugia u s-Soċjetà Filarmonika La Stella tal-Gudja A.D. 1919** deċiża 9 ta' Dicembru 2015, fejn ingħad:*
>
>> *"Illi huwa aċċettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigħ fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[7], trid tingħata dejjem taht kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir.[8] Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[9], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens[10] u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun*

[7] **Art. 195(1) tal-Kap 12**.
[8] App. Ċiv.: 28.10.1935 fil-kawza fl-ismijiet ***Mifsud noe v. Abela et***. (**Kollez. Vol:XXIX.i.1295**)
[9] P.A. Kost.: 12.8.1994 fil-kawza fl-ismijiet ***Cuschieri v. Onor. Prim Ministru et*** (**Kollez. Vol: LXXVIII.i.211**)
[10] Kost. 20.7.1994 fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud v. Onor. Prim'Ministru et*** (**Kollez. Vol: LXXVIII.i.171**) u P.A. Kost LSO 21.7.2015 fil-kawża fl-ismijiet ***Partit Nazzjonalista et v. Kummissjoni Elettorali et*** (in parte)

> *hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;*
>
> *Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik.*[11] *"*

*5. Jinsab assodat ukoll fil-ġurisprudenza nostrana illi s-soprasessjoni tiġi ammessa biss meta tkun spedjenti, u li l-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilità. Magħdud dan, isegwi illi s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li għandu jigi applikat biss fejn ikun neċessarju fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja. [vide in materja PA* ***Sylvana Tanti v. Noel Tanti et*** *- 3 ta' April 2014].»*

43. Imiss li jsir paragun bejn iż-żewġ kawżi. Il-konvenuta Liquigas ressqet kawża (1158/2016/1) kontra r-Regolatur (REWS) u l-Ministru responsabbli fejn qiegħda tattakka l-emendi li saru fuq l-**Artikolu 5A tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt**, permezz tal-**Avviż Legali 235 tal-2016** li jingħad li għandu jiġi dikjarat null, invalidu jew mingħajr effett għaliex sar għal għanijiet mhux xierqa jew huwa msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Jingħad li huwa *ultra vires* tas-setgħat mogħtija mil-liġi lill-konvenuti għaliex jikser d-dritt fondamentali tagħha għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha skont l-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u għaldaqstant imur kontra l-**Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u għaliex huwa irraġonevoli u mhux proporzjonat għat-tenur tar-regoli tad-dritt amministrattiv mhux kodifikati li japplikaw fir-rigward tal-liġijiet sussidjarji.

---

[11] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 23.6.1869 fil-kawża fl-ismijiet ***German et v. Scicluna et*** (**Kollez. Vol: V.157**); P.A. 23.1.1946 fil-kawża fl-ismijiet ***Bugeja v. Zammit*** (**Kollez Vol: XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: 26.3.1984 fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Leslie Grech noe v. Dr. Emanuel Buttigieg et nomine*** (mhix pubblikata).

44. Min-naħa l-oħra, f'din il-kawża l-kumpanija Easygas nediet kawża fil-konfront tal-kumpanija Liquigas li fiha l-kumpanija attriċi tixli lill-kumpanija konvenuta li l-aġir tagħha jikkostitwixxi ksur tal-obbligi tagħha bħala provditur awtorizzat skont l-**Artikolu 5A(4) tal-Liġi Sussidjarja 545.20** u talbet dikjarazzjoni illi Liquigas hija responsabbli għall-ħlas ta' €15 fuq kull ċilindru ritornat lilha mill-kumpanija attriċi mid-dħul tal-**Avviż Legali 235 tas-sena 2016** sad-data tas-sentenza. Intalab ukoll li jiġi likwidat l-ammont dovut, u li l-kumpanija konvenuta tiġi kkundannata tħallas l-ammont hekk likwidat. Titlob ukoll li jiġi dikjarat li bl-imġiba tal-kumpanija appellata qiegħda ġġarrab id-danni, u konsegwentement li jiġu likwidati d-danni u li l-kumpanija konvenuta tiġi kkundannata tħallas dawk id-danni hekk likwidati.

45. Issa mad-daqqa t'għajn jista' jingħad li sa ċertu punt din il-kawża hija marbuta ma' dak li se jirriżulta fl-oħra. Dan qiegħed jingħad għaliex il-pretensjonijiet attriċi f'din il-kawża jissejsu fuq dak il-provvediment tal-liġi li qiegħed jiġi attakkat minn Liquigas fil-kawża l-oħra. B'żieda ma' dan ma jistax jiġi merut li l-kumpanija Liquigas ssejjes parti mid-difiża tagħha f'din il-kawża fuq l-istess argument li fuqu issejjes il-kawża tagħha li ġġib referenza 1158/2016/1. Madankollu, jiġi nnutat li l-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet ta' Liquigas imorru lil hemm mill-mertu tal-kawża 1158/2016/1 u li jattakkaw il-pretensjonijiet attriċi fis-sustanza tagħhom. F'kull każ, l-għan taż-żewġ kawżi huwa separat u distint.

46. Din il-Qorti mhux ser tidħol fil-mertu tal-argumenti mqanqla minn Liquigas fejn issostni li Easygas m'għandhiex raġun fil-pretensjonijiet tagħha, peress li dan għad irid jiġi mistħarreġ mill-Ewwel Qorti. Però huwa minnu li l-istadju tal-provi fil-kawża 1158/2016/1 huma magħluqa u dak il-każ jinsab differit għas-sentenza u għalhekk l-argument tal-appellanti li jekk Liquigas tingħata raġun f'dik il-kawża tkun tista' tirkupra bħala danni dawk l-ammonti li tista' tiġi kkundannata tħallas f'din il-kawża ma jistax jitqies bħala siewi. F'tali każ ikun meħtieġ li jsiru proċeduri separati.

47. Dan iwassal għall-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar it-**<u>tielet aggravju</u>** tal-kumpanija attriċi appellanti li hija mhix parti mill-proċeduri 1158/ 2016/1 u li allura sentenza f'dik il-kawża ma jista' qatt ikollha effett *erga omnes*. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Mejju, 2025, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Awtorità tal-Ippjanar v. Tal-Magħtab Construction et***, huwa miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li sentenzi dwar l-inkompatibilità ta' liġijiet ma' drittijiet fundamentali jagħmlu stat biss bejn il-partijiet fil-kawża u mhux *erga omnes* (ara ***Vincent Zerafa et v. Emanuel Cilia et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***H. Vassallo & Sons Limited v. Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru, 2012 u ***Emanuel Portelli pro et noe v. Estelle Azzopardi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2014).

48. Dan ma hu xejn ħlief riflessjoni ta' dak li jgħid l-**Artikolu 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, jiġifieri li sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza.

49. Fejn il-Qorti tippronunzja ruħha u tiddikjara li liġi partikolari minnha mistħarrġa tirriżulta li hi inkonsistenti mal-**Kostituzzjoni ta' Malta** jew mal-**Konvenzjoni Ewropea**, dan ifisser li dik il-liġi partikolari ma jkollha l-ebda effett fil-limiti tal-proċedura fejn tiġi dikjarata li hemm dik l-inkonsistenza. B'danakollu l-istess liġi tibqa' fis-seħħ għall-għanijiet l-oħra kollha sakemm ma tiġix emendata skont l-**Artiklu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

50. Tabilħaqq dan ifisser li fil-fehma ta' din il-Qorti għandha raġun l-appellanti meta jingħad minnha li jekk kemm-il darba Liquigas tingħata raġun fil-kawża 1158/2016/1, din ma jista' jkollha l-ebda effett fuq il-pożizzjoni ġuridika u jeddijiet legali tagħha f'din il-kawża. F'dan is-sens aktar titqies relevanti l-ġurisprudenza li fuqha tistrieħ l-appellanti, dik tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Ottubru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet ***Michelina Said et v. Estelle Azzopardi***, fejn hemm ingħad, li kieku liġi li tinsab li tikser dritt fondamentali ssir invalida *erga omnes* bis-saħħa tas-sentenza li tiddikjara dak il-ksur, kienet

tkun superfluwa s-setgħa tal-Prim Ministru taħt l-**Artikolu 242(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

51. Wara kollox, huwa meħtieġ li fl-azzjonijiet kollha mressqa quddiem il-Qorti, kemm dawk dwar drittijiet fondamentali (bl-eċċezzjoni għall-azzjoni maħsuba taħt l-**Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni** (*actio popularis*)) kif ukoll fl-azzjonijiet ċivili kollha, li l-attur juri interess ġuridiku fl-azzjoni. Billi l-Qorti ma tistax tagħti *extra jew ultra petita*, ir-rimedju li tista' tagħti l-Qorti għandu jkun arġinat fil-limiti tal-interess, għax l-interess huwa l-kejl tal-azzjoni u tar-rimedju. Għalhekk l-iżjed li tkun tista' tgħid il-Qorti f'kawża bħal dik hu illi l-liġi għandha tkun bla effett fil-każ partikolari li jkollha quddiemha u mhux fil-każijiet kollha (ara ***Michelina Said et v. Estelle Azzopardi*** msemmija qabel).

52. Din il-Qorti żgur li mhix ser tidħol fil-mertu ta' dak li ntalab jew ma ntalabx minn Liquigas fil-kawża 1158/2016/1, li għad trid tiġi deċiża. Madankollu, jingħad biss li, fir-rigward tal-osservazzjoni magħmula mill-appellata li fil-każ 1158/2016/1 mhux qiegħda tiġi attakkata liġi li għaddiet mill-Parlament, iżda qiegħda tiġi attakkata liġi sussidjarja, jeħtieġ li jiġi eżaminat l-**Artikolu 242 tal-Kodiċi Ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,** li jipprovdi:

> *«(1) Meta qorti, permezz ta' sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat, tiddikjara li <u>xi strument li jkollu l-forza ta' liġi f'Malta jew xi dispożizzjoni tiegħu tmur kontra xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew xi dritt tal-bniedem jew libertà fondamentali elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea</u>**<u>, jew li tkun ultra vires</u>**<u>,</u> ir-reġistratur għandu jibgħat kopja tal-imsemmija sentenza lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati li għandu meta l-Kamra tiltaqa' għall-ewwel darba wara li jkun irċeva dik is-sentenza jgħarraf lill-*

*Kamra b'dak li jkun irċieva u jqiegħed kopja tas-sentenza fuq il-Mejda tal-Kamra.*

*(2)* ***Meta jkun hemm sentenza bħal dik imsemmija fis-subartikolu (1),*** *il-Prim Ministru jista', matul il-perjodu ta' sitt xhur mid-data meta s-sentenza tkun għaddiet f'ġudikat u sakemm ikun meħtieġ fil-fehma tiegħu jneħħi kull inkonsistenza mal-Kostituzzjoni ta' Malta jew mad-dritt jew libertà fundamentali tal-individwu rilevanti stabbiliti fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont ma jkun ġie dikjarat f'dik is-sentenza, jagħmel regolamenti li jkunu jħassru l-istrument jew id-dispożizzjoni rilevanti li tkun ġiet dikjarata bħala li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea kif imsemmi fis-subartikolu (1).»*

53. Minn qari ta' dan il-provvediment, jirriżulta ċar li fil-liġi ma jissemmiex att tal-Parlament iżda «*strument li jkollu l-forza ta' liġi*» li jfisser li jgħodd ukoll għal-liġi sussidjarja bħalma huwa avviż legali. Lanqas għandha raġun l-appellata meta jingħad minnha li l-**Artikolu 242(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ma jaħsibx għal fejn provvediment tal-liġi jinsab li jkun *ultra vires,* ladarba fih issir referenza għas-sentenza bħal dik imsemmija fl-ewwel subinċiż, li kif rajna jinkludi wkoll strument tal-liġi li jinsab li jkun *ultra vires.* Barra minn hekk, il-liġi titfa' r-responsabbilità fuq il-Prim Ministru, bħala l-Kap tal-Gvern sabiex jieħu l-passi meħtieġa sabiex jara li titneħħa kull inkonsistenza mal-**Kostituzzjoni** jew mal-**Konvenzjoni**. Il-fatt li l-**Artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma** jagħti s-setgħa lill-Ministru responsabbli li jagħmel, jemenda, jissostitwixxi jew iħassar ir-regolamenti meħtieġa taħt dak l-Att, ma jfissirx li allura mhux meħtieġ li tiġi mħarsa l-proċedura msemmija fl-**Artikolu 242 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jew li dawn il-provvedimenti huma b'xi mod kunfliġġenti.

54. Dan iwassal għar-**raba' aggravju** tal-attriċi appellanti, dak fejn jingħad minnha li r-**Regolament 5A(4) tal-L.S. 545.20,** kif emendat bl-**Avviżi Legali 134** u **235 tal-2016**, bħala l-liġi applikabbli, huwa fis-seħħ u għalhekk enforzabbli. Fil-verità dan l-aggravju jsegwi l-argument li sar fil-konsiderazzjonijiet taħt l-aħħar aggravju. Ġaladarba fil-mument li tressqet l-azzjoni attriċi kien fis-seħħ (u għadu fis-seħħ) ir-Regolament li fuqu ssejjes il-kawża tagħha l-kumpanija attriċi, u kif rajna qabel, id-deċiżjoni li ser tingħata fil-kawża 1158/2016/1 tgħodd biss għall-partijiet f'dik il-kawża, l-istess deċiżjoni m'għandha l-ebda effett fuq id-drittijiet tal-kumpanija attriċi f'din il-kawża.

55. Lil hemm minn dak li ngħad mir-rappreżentant tal-kumpanija konvenuta, l-**Artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni** jipprovdi li**:**

> *«12. (1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
>
> *…*
>
> *(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
>
> *(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
>
> *…*
>
> *u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.»*

56. Jiġi nnutat ukoll li l-**Artikolu 2 tal-istess Att dwar l-Interpretazzjoni** jingħad li t-tifsira ta' Att għandha tinkludi wkoll regolamenti li għandhom is-saħħa tal-liġi. Isegwi li fid-dawl ta' dan il-provvediment tal-liġi, l-argumenti tal-kumpanija appellata li jkun għaqli li wieħed jistenna r-riżultat tal-kawża l-oħra, f'dan il-każ ma jreġix.

57. Sa fejn jingħad mill-appellata li l-**Avviż Legali 235 tas-sena 2016**, ma jħassar l-ebda liġi, dan l-argument ma jagħmilx sens, peress li għalkemm l-appellata tistenna li dawn il-proċeduri jiġu sospiżi sakemm jiġu deċiżi l-oħrajn, li kif rajna jattakkaw il-validità tal-imsemmi avviż legali, sabiex jiġi dikjarat null u bla effett għar-raġunijiet imfissra minn Liquigas f'dik il-kawża, dawk il-proċeduri, kif rajna, m'għandhomx effett fuq dawn taħt eżami. Barra minn hekk, f'din il-kawża mhuwiex qiegħed jintalab it-tħassir tal-imsemmi avviż legali.

58. Minn dan kollu jinżel li, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirriżultax li hemm lok jingħad li l-kawża taħt eżami tiddependi minn xi soluzzjoni ta' punt partikolari fil-kawża 1158/2016/1 (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard et v. Mario Attard et*** u dik tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-12 ta' Novembru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Calamatta et v. Mario Darmenia et***). Lanqas jista' jingħad li hemm iċ-ċirkostanzi straordinarji li jiġġustifikaw illi din il-kawża tieqaf u tistenna sakemm tinqata' l-oħra. Hekk ukoll, ma jitqiesx li huwa fl-aħjar

interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja li t-talba għas-soprasessjoni tintlaqa'.

59. Ladarba din il-Qorti qiegħda ssib li dawn l-aggravji huma mistħoqqa se tieqaf hawn għaliex m'hemmx il-ħtieġa li tistħarreġ il-bqija tal-aggravji.

60. Fl-aħħar nett jingħad li għalkemm il-provvediment dwar soprasessjoni huwa mħolli għalkollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ilment tal-kumpanija attriċi appellanti huwa mistħoqq, fis-sens li ma kellhiex tintlaqa' t-talba tal-kumpanija konvenuta appellata għas-soprasessjoni ta' din il-kawża.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-kumpanija attriċi Easygas, u b'hekk tirrevoka d-digriet appellat fejn ġiet ordnata s-soprasessjoni tal-kawża. Minflok tibgħat l-atti lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex il-kawża tissokta. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-kumpanija konvenuta Liquigas.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da